MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru 5/2010

**Il-Pulizija**
**Sp Carlos Cordina**
**vs**
**John Cassar**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra John Cassar ta’ 40 sena bin John u Jane nee` Zammit u li kien joqgħod 37 St. Cathrine Street, Mqabba, imbagħad Mayflower Flats, Triq ix-Xwiek, l-imqabba u dan l-aħħar Dar in-Nannu, Valletta Road, Imqabba.**

**Akkuzat talli f’dawn l-aħħar snin għamel jew ġiegħel, jew ħalla li jsir xi ħaġa fi Triq Santa Katerina kantuniera ma Triq il-Kileb, Mqabba, li għaliha huwa meħtieġ permess skond l-Artikolu 16(1) tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10, mingħajr dak il-permess, jew mhux skond il-kundizzjonijiet ta’ dak il-permess.**

**Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi t-talba tal-Planning Services Division tal-15 ta' Jannar 1992 li fiha l-Kummissarju tal-Pulizija ntalab jieħu passi kontra l-imputat, ir-ritratti tal-bini li allegatament mhux kopert b'permess Dok GS, GS2, il-kopja tal-building permit fejn inħareġ GS3, l-ittra mill-Planning Authority intitolata "Invalid Development Permission Application" bil-proposal "To re-activate development permission on existing building and change of use of one garage to beauty salon" (Dok GS4, Dok GS5, Dok GS6 Dok GS7), kif ukoll il-verbal tal-1 ta' Ġunju, 2009 fejn il-Qorti ddeferiet il-kawża għas-sentenza.**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.**

**Ikkunsidrat**

**Li mix-xhieda ta' Gordon Schembri Enforcement Officer mal-MEPA, jirriżulta li l-imputat kien bena sular żejjed fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq il-Kileb, Mqabba li ma kellux permess għalih. Mir-ritratt meħud mill-istess enforcement officer jirriżulta li l-imputat bena tliet sulari meta kellu permess biex jibni żewġ sulari biss (Dok GS3). Ir-ritratti kienu ttieħdu fis-17 t' April, 2006 u sa meta xehed l-enforcement officer (22 ta' Ġunju, 2007), is-sular żejjed kien għadu hemm.**

**Skond ir-records tal-MEPA, l-imputat kien daħħal applikazzjoni fis-sena 2000 (4002/2000)(ara Dok GS4) iżda mhux biex jissanzjona. Il-proposta tal-imputat kienet 'To re-activate development permission of existing building and change of use of one garage to beauty salon).**

**L-avukat difensur kien staqsa lix-xhud jekk is-sular impinġi bl-orangjo kienx intalab li jigi sanzjonat. Ix-xhud wieġeb:**

**"Le. Infatti l-applikazzjoni ġiet dismissed għax talbuh biex l-ewwel jissanzjona dan is-sular"**

**Kienet ukoll intbagħtet reminder fl-24 t'Ottubru 2000 u reminder ieħor fil-21 ta' Novembru, 2000 fejn l-applikazzjoni kienet dismissed għax l-informazzjoni ma waslitx.**

**Is-sular kien għadu jeżisti sa ġimgħa qabel il-15 ta' Frar 2008 meta reġa' ddepona l-istess xhud u kkonferma dan bil-ġurament. Huwa reġa' tenna li l-applikazzjoni li kienet saret ġiet dismissed.**

**Fit-2 ta' Grar, 2009 il-kawża ġiet differita għall-1 ta' Ġunju, 2009 għall-provi difiża.**

**Fl-1 ta' Ġunju, 2009 deher l-imputat sprovvist mill-avukat tiegħu.**

**Il-Qorti ddiferiet il-kawża għat-30 ta' Novembru, 2009 għas-sentenza.**

**L-imputat ma deherx diversi drabi minkejja li kien hemm mandat t'arrest in vigore (2 ta' Diċembru, 2004, 15 ta' Marzu, 2005, 20 ta' Ġunju 2005, 7 ta' Diċembru, 2005, 24 t'April, 2006, 28 ta' Settembru, 2006, 12 ta' Frar, 2007 (il-Qorti kienet infurmata li l-imputat kien qiegħed l-isptar), u 10 t'Ottubru, 2008)**

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**Mill-provi jirriżulta li l-imputat kellu permess biex jibni żewġ sulari biss (Dok GS3)**

**Mid-deposizzjoni ta' Gordon Schembri u mir-ritratti esebiti mill-istess xhud jirriżulta li l-imputat bena tliet sulari u mhux tnejn.**

**Għaldaqstant l-imputazzjoni kienet ippruvata skond il-Liġi.**

**Konklużjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat l-l-artiklu 63(2) provisos(i)(ii) tal-Att 1 tal-1992 (L-Att dwar l-ippjanar), l-artiklu 16(1), 17**

**(1),(2),(3),(8) u l-artiklu 17A tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta li kien fis-7 t'Awwissu 1992 meta nħarġet iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tikkundannah iħallas multa ta' €234.**

**Il-Qorti, ai fin ital-artiklu 17(3) tal-Kap 10 qed tordna lill-imputat sabiex ineħħi s-sular żejjed li huwa bena mhux skond il-permess maħruġ u dan irid isir mid-data ta' din is-sentenza.**

**Jekk dan is-sular ma jitnehhiex fiż-żmien mogħti l-imputat qed ikun patibbli għall-ħlas ta' multa ta' €46.75 għal kull ġurnata li fiha l-imputat jonqos li jneħħi l-bini msemmi.**

**Il-multa ta' €234 hija dejn ċivili tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet jew tas-successur ta' dan id-Dipartiment.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------